**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 128/2023**

**AB, BB u CB**

**Vs**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729) u**

**Crystal Finance Investment Services Ltd (C26761)**

**Deċiżjoni Preliminari**

L-Arbitru Sostitut:

1. Ra l-ilment iddatat 30 ta' Ġunju 2023 li l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva fil-25 ta' Awissu 2023 u rreġistra fl-istess ġurnata liema lment jikkonċerna nvestimenti f' 8.875% RICKMERS 2018 u 3% EDCON SOUTH AFRICA LTD PTK 31/12/2022 *tramite* Crystal Finance Investments Limited li jmorru lura għall-24 ta' April 2014.

2. Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz (Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd) bid-data 12 ta' Settembru 2023, f'liema risposta fuq bażi preliminari qajjem il-kwistjoni ta' preskrizzjoni:

> '<u>Konsiderazzjonijiet preliminari</u>
>
> Il-Bond Portfolio inxtara mill-klijenti f'Lulju 2014...(omissis)...l-klijenti ressqu lment formali mal-Kumpanija f'Marzu 2023. L-ilmentaturi ressqu l-ilment mal-OAFS f' Awissu 2023.
>
> Skont l-Artikolu 21(c) tal-Kapitolu 555 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Arbitru għandu jkollu l-kompetenza li jisma lmenti jekk dan ikun reġistrat bil-miktub mal-fornitur tas-servizzi finanzjarji mhux aktar tard minn sentejn mill-ġurnata li fiha l-ilmentatur l-ewwel kellu għarfien tal-kwistjonijiet li dwarhom ilmenta.'

3. Ra l-ittra tal-provditur tas-servizz tal-10 ta' Novembru 2023, f'liema ittra l-provditur fost affarijiet oħra:

(i) innota li s-servizz ta' pariri dwar l-investiment suġġett tal-ilment kien ipprovdut f' April 2014; u

(ii) sostna li l-ilment għandu jiċċaħħad abbażi ta' preskrizzjoni skont l-artikolu 21(1)(ċ) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Ra l-ittra tal-provditur tas-servizz tat-30 ta' Novembru 2023, f'liema ittra l-provditur fost affarijiet oħra:

(i) sostna li Calamatta Cuschieri Investment Services akkwistat lil Crystal Finance f'Marzu 2017; il-mudell li fuqu taħdem il-kumpanija Calamatta Cuschieri huwa li tagħti pariri ta' investiment ta' natura transazzjonali jiġifieri parir 'fuq bażi ta' negozjar'. Minn Marzu 2017 'l quddiem ma ta l-ebda pariri ta' dan il-ġeneru lill-ilmentaturi; speċifikament qatt ma ngħata l-ebda tip ta' servizzi ta' investiment lill-ilmentaturi;

(ii) ir-relazzjoni ta' konsulenza kontinwa ntemmet fl-2017.

5. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-ilmentaturi *tramite* l-Avukat tagħhom mibgħuta permezz ta' *email* fil-15 ta' Diċembru 2023, f'liema nota ta' sottomissjonijiet fost affarijiet oħra:[1]

(i) ġie osservat li l-provditur tas-servizz fil-waqt li rrefera għall-artiklu 21(c) tal-Kap.555 ma ndikax b'data preċiża minn meta ddekorriet il-preskrizzjoni u dan meta l-obbligi ta' min jagħti l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni huma ċari kemm fil-Kodiċi Ċivili kif ukoll fil-ġurisprudenza li tistabilixxi li min jagħti din l-eċċezzjoni irid jindika l-artikoli tal-liġi b'mod preċiż, jipprova ż-żmien minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni u f'każ ta' dubju l-ġudikant irid jiċħad l-eċċezzjoni. F'dan il-każ il-provditur ta' servizz kellu jindika data speċifika meta fil-fehma tagħhom l-ilmentatur kellu għarfien ta' telf irrekuperabbli;

(ii) ġie osservat ukoll li l-Arbitru mhux tenut li jipprova jgħid hu minn meta għandu jibda jgħodd il-perjodu ta' preskrizzjoni għaliex b'hekk ikun qed jidħol f'mertu li mhux tiegħu;

(iii) ġie sostnut li l-parir baqa' jingħata kontinwament;

(iv) ġie sostnut ukoll li kien fuq il-pariri tal-provditur tas-servizz li ħarġu mil-BP 165 5.5% *bond portfolio July 2017* u nvestew fil-BP211 5% *Eur High Yield Bond Porfolio July 2018*;

(v) ġie sostnut ukoll illi meta raw l-i*statements* Dok 8 u 9 (31/12/2015) marru l-uffiċċju tal-provditur tas-servizz u s-Sinjura Michelle Stanmore qaltilhom li ma kellhomx jinkwetaw, u l-ittra tad-9 ta' Lulju 2018 li fiha ġew infurmati li l-8.875% Rickmers se jitniżżel separat mil-portafoll indikat stampa ta' *business as usual*; l-ittra tat-28 ta' Ġunju 2019 mingħand Calamatta Cuschieri li tgħid li sar ħlas ta' Euro 36.78 u li huwa maħsub li aktar ħlasijiet isiru fil-futur turi li r-relazzjoni kienet għadha *in vigore*;

(vi) saret referenza għall-Każ ASF 016/2021 li fiha l-Arbitru nnota li ittra bid-data 17 ta' Ġunju 2016 li kkonċernat l-Edcon kienet ambigwa; ittra simili li rċevew l-ilmentaturi ma tistax twassal għal ebda preskrizzjoni;

(vii) saret referenza għal Dok 4B u 4C li jindikaw meta saret it-transazzjoni għal Edcon *bonds* bit-3% u 0.606141 għal kull *unit* li kellhom qabel, kif ukoll il-kitba ta' Michelle Stanmore fejn emfasizzat li dan l-investiment kien jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2022;

(viii) ġie sostnut li l-Arbitru irid jistabbilixxi jekk l-ilmentatur lmentax fi żmien sentejn mindu l-ewwel kellu konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmenta dwarhom;

(ix) ġie osservat li Edcon u Rickmers kellhom riskju għoli. Imkien ma ngħatat xi twissija speċifika biex l-ilmentaturi joħorġu minn dan l-investiment, jew tat lill-ilmentaturi x'jifhmu li kellhom għalfejn jinkwetaw, tant li ntqal lilhom li kienu ser ikomplu jinfurmawhom bl-iżviluppi.

[11] Fil-qosor. Dan huwa rijassunt tal-punti prinċipali.

6. Sema' u kkunsidra x-xhieda tal-10 ta' Jannar 2024 tas-Sur AB li fost affarijiet oħra:[2]

(i) spjega li *affidavit* sar wieħed biss minħabba kwistjoni ta' ħin u li hu bħala pensjonant kellu l-iktar ħin mit-tliet ilmentaturi, fil-waqt li s-Sinjura BB kienet tieħu ħsieb il-karti, il-*filing*, eċċ u t-tifla jiġifieri s-Sinjura CB kienet tkun xogħol; u

(ii) kkonferma li wara li rċevew id-dokument immarkat 4C kienu marru jkellmu lis-Sinjura Michelle Stanmore hu u s-Sinjura BB; ma jiftakarx x'intqal eżatti peress li għadda ż-żmien, iżda jiftakar li Ms Stanmore qaltilhom li l-investiment jagħlaq f'Diċembru 2022.

7. Sema' u kkunsidra x-xhieda tal-10 ta' Jannar 2024 tas-Sinjura Nadia Falzon[3] li fost affarijiet oħra:[4]

(i) spjegat li avolja sar affidavit wieħed biss, l-istorja mil-bidu sal-aħħar hija l-istess kemm għas-Sur AB kif ukoll għas-Sinjura BB li ttrasferiet l-investiment lil bintha CB; u

(ii) kkonfermat li l-partijiet kollha rċevew l-istess kommunikazzjoni u l-istess dokumenti wkoll inkluż dak immarkat 4C.

8. Sema' u kkunsidra x-xhieda tat-23 ta' Jannar 2024 tas-Sinjura BB li fost affarijiet oħra:[5]

(i) ikkonfermat il-kitba tas-Sinjura Michelle Stanmore;

(ii) spjegat li Ms Stanmore infurmathom li l-Edcon South Africa jagħlqu f'Diċembru 2022 u li kienu nvestiti bit-3%;

(iii) spjegat li ndunaw li l-investiment kien nieżel, li l-figuri ma jaqblux mal-kapital u li l-investimenti ma kienux sejrin tajjeb;

(iv) stqarret li Ms Stanmore qaltilhom biex ma jippenikjawx u minn dan fhemitha li għandhom jistennew sakemm l-investiment jimmatura f'Diċembru 2022;

(v) fhemet li kellhom jistennew biex forsi l-affarijiet jinbidlu kif ukoll li l-investiment kien kważi spiċċa;

(vi) stqarret ukoll li ħallew f'idejn Ms Stanmore għaliex huma ma jifhmux;

(vii) stqarret li tiftakar li l-investiment kien bit-3% u li kien jimmatura f'Diċembru 2022 iżda ma tafx x'kienu jfissru iċ-ċifri mħażża fuq l-istess karta jiġifieri is-60% u s-75%;

(viii) ma jidhrilhiex li rċevew l-interessi fis-snin 2018, 2019, 2020 jew 2021.

9. Sema' u kkunsidra x-xhieda ulterjuri tat-23 ta' Jannar 2024 tas-Sur AB li fost affarijiet oħra:[6]

(a) stqarr li jaf biċ-ċert li rċevew pagament parzjali b'konnessjoni mar-*Rickmers* u li kellhom jirċievu pagamenti oħra. Kien għalhekk li ma ħadux azzjoni;

(b) baqgħu jirċievu l-i*statements* b'mod normali;

---

[2] Fil-qosor. Dan huwa rijassunt tal-punti prinċipali.
[3] Oħt is-Sinjura CB.
[4] Fil-qosor. Dan huwa rijassunt tal-punti prinċipali.
[5] Fil-qosor. Dan huwa rijassunt tal-punti prinċipali.
[6] Fil-qosor. Dan huwa rijassunt tal-punti prinċipali.

(c) ma jiftakarx irċevewx l-imgħaxijiet bit-3%;

(d) ħadu azzjoni wara Diċembru 2022 meta ma rċevew xejn u ma ngħatawx risposti.

10. Sema' x-xhieda tat-23 ta' Jannar 2024 tas-Sinjura Michelle Stanmore li fost affarijiet oħra:

(i) ikkonfermat li l-kitba fuq id-dokument 4C huwa tagħha;

(ii) ikkonfermat li ltaqgħet mal-klijenti u spjegatilhom is-sitwazzjoni tal-investiment u kif ikun għaddej;

(iii) spjegat li hi kienet tistriħ fuq ir-riċerka li kien jagħmel ħaddiehor fl-azjenda tagħhom;

(iv) spjegat li ma tiftakarx eżatti x'qaltilhom lis-Sinjuri XB iżda dejjem kienet tispjega l-informazzjoni li kellha;

(v) mil-memorja tiftakar li Rickmers kienet se tinxtara u li Edcon nbidlet f'South Africa, tawlulha ż-żmien sa Diċembru 2022 kif ukoll li kellha tħallas bit-3%;

(vi) ma tiftakarx sew x'kienet tfisser is-60% iżda jidhrilha li kien ser jagħtu 60% tal-kapital u 3% fis-sena u b'hekk ikunu ġabru 75% tal-kapital;

(vii) stqarret li m'hix ċerta minn dak li qalet għaliex kien għadda ż-żmien, iżda li x'aktarx hekk kienu ġraw l-affarijiet;

(viii) rigward l-imgħax stqarret li ma tiftakarx kienux jirċevuhom iżda għandha mpressjoni li kien imwiegħed li jiżdied mal-kapital;

(ix) qalet ukoll li sakemm baqgħet taħdem hemm l-i*statements* baqgħu joħorġu kull sitt xhur;

(x) infurmat ukoll li ma tiftakarx id-diskors eżatt u għalfejn mar-*right hand side* tad-dokument 4C ma hemmx marki, iżda faċli biex tispjega s-sitwazzjoni mid-dokument 4C.

11. Ikkunsidra l-provvedimenti tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta fosthom:

- '19(1) Għandha tkun il-funzjoni primarja tal-Arbitru li jittratta ilmenti mressqa minn klijenti eliġibbli permezz tal-mezzi ta' medjazzjoni skont l-artikolu 24, u fejn ikun meħtieġ, b'investigazzjoni u li jara li tingħata deċiżjoni fuq l-ilment imressaq.'

- '19(3) Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1), l-Arbitru għandu:

  (a) jaġixxi indipendentement u imparzjalment, u m'għandux ikun soġġett għall-ordni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra;
  (b) jiddeċiedi u jagħti ġudizzju fuq ilment b'referenza għal dak li, fil-fehma tiegħu, ikun ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ;
  (ċ) jikkunsidra u jieħu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta' liġijiet applikabbli u rilevanti, regoli u regolamenti, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imġiba ta' provditur ta' servizz, inkluż linji gwida maħruġa mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi raġonevoli u leġittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza għaż-żmien meta jkun allegat li jkunu seħħew il-fatti li jkunu taw lok għall-ilment;
  (d) jittratta lment b'mod proċeduralment ġust, informali,ekonomiku u mħaffef;
  (e) jittratta kull mistoqsija dwar preskrizzjoni skont il-liġi:

Iżda l-provditur ta' servizzi finanzjarji jista' jqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biss fl-ewwel sottomissjonijiet bil-miktub li huwa provdut dwarhom fl-artikolu 22(3)(ċ) sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mill-Arbitru li għandu jagħti r-raġunijiet għal dik l-awtorizzazzjoni:

Iżda wkoll l-Arbitru ma jkunx intitolat li jqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni minn jeddu:

Iżda wkoll xejn f'dan l-Att ma għandu jinftiehem bħala li qed jagħti xi setgħa lill-Arbitru li jagħti deċiżjoni dwar talba li tkun waqgħet bi preskrizzjoni skont il-liġi meta l-parti investigatat qajjem eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.'

- '21(1)(ċ) Arbitru għandu jkollu wkoll il-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imġiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun seħħet wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, jekk ilment jiġi reġistrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju mhux iżjed tard minn sentejn wara l-ġurnata li fiha l-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom.'

- '22. (3) Arbitru m'għandux jipproċedi li jittratta lment sakemm l-Arbitru ma jkunx:…..(ċ) ipprovda lill-persuna li kontriha jkun qed isir l-ilment opportunità li tippreżenta r-risposta għall-ilment. Dik ir-risposta għandha tintbagħat lill-Arbitru fi żmien għoxrin ġurnata minn meta l-Arbitru jikkomunika l-ilment lill-persuna li kontriha jkun qed isir l-ilment. Il-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment u l-persuna li kontriha jkun qed isir l-ilment għandhom dritt li jkunu rappreżentati u assistiti minn persuna jew persuni tal-fiduċja tagħhom'.

12. Ikkunsidra wkoll il-korrispondenza, noti ta' sottomissonijiet, affidavit, u kull dokument ieħor li ġie sottomess mil-partijiet kollha f'dan l-ilment, kif ukoll ix-xhieda li ngħatat fis-seduti tal-10 u tat-23 ta' Jannar 2024.

13. Josserva illi:

(i) l-Arbitru Finanzjarju mhux Qorti tal-Ġustizzja, iżda mekkaniżmu kważi-ġudizzjarju li għalih persuna li tħossha aggravata minn provditur ta' servizz finanzjarju tista' tirrikorri. Ir-rwol tal-uffiċċju tal-Arbitru huwa li l-ewwel joffri servizz ta' medjazzjoni biex forsi jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet (jiġiefieri bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz finanzjarju) u jekk dan ma jirnexxix, jinvestiga l-ilment l-Arbitru stess liema nvestigazzjoni twassal għal deċiżjoni. Dan jirriżulta mill-artiklu 19(1) tal-Kap.555 Liġijiet ta' Malta. B'konsegwenza l-Arbitru fil-waqt li tajjeb li jagħti każ il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Ġustizzja, żgur li mhux marbut biha u dan għaliex m'huwiex la qorti u aktar u aktar mhux parti mil-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta; dan apparti l-fatt li lanqas bejn il-Qrati tal-Ġustizzja Maltin ma hemm duttrina formali tal-preċedent aħseb u ara bejn il-Qrati tal-Ġustizzja u l-Arbitru Finanzjarju. B'konsegwenza diretta tal-fatt li l-Arbitru Finanzjarju mhux Qorti tal-Ġustizzja, iżda jipprovdi servizzi ta' medjazzjoni u investigazzjoni, igawdi minn ċertu flessibilta' f'xogħolu liema flessibilta' mhux talli hija permessa mil-Kap.555 iżda wkoll hija riflessa fl-istess liġi b'mod partikolari fl-artiklu 19(3)(b) u (d) tal- istess Kap. 555;

(ii) mil-banda l-oħra, l-Arbitru huwa marbut bil-provedimenti tal-liġi inkluż li jiddeċiedi kwistjoni ta' preskrizzjoni skont il-liġi, li ma jqajjimhiex hu, u li jaċċerta ruħhu li l-kwistjoni ta' preskrizzjoni titqajjem skont l-artiklu 19(3)(e). L-Arbitru jrid jikkunsidra wkoll l-provvedimenti tal-artiklu 21(1)(c) tal-Kap.555;

(iii) fil-fatt f'dan il-każ partikolari, l-kwistjoni ta' preskrizzjoni tqajmet mil-provditur tas-servizz fuq bażi preliminari fil-korrispondenza tiegħu tat-12 ta' Settembru 2023 b'risposta għall-ittra ta' avviż li rċieva mingħand l-Uffiċċju tal-Arbitru bid-data 25 ta' Awissu 2023. Minn dan l-Arbitru Sostitut jikkonkludi illi l-kwistjoni ta' preskrizzjoni ma tqajmitx mil-Arbitru iżda mil-provditur tas-servizz u li din tqajmet fil-ħin għaliex tqajmet f'l-ewwel risposta lill-Arbitru liema risposta ddaħħlet fit-13 ta' Settembru 2023 jiġifieri fl-għoxrin ġurnata stipulati mil-liġi. Issemma speċifikament ukoll mil-provditur tas-servizz l-artiklu tal-liġi li fuqha qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni avolja dan mhux stipulat mil-Kap 555 peress li perjodu ta' preskrizzjoni waħda biss hemm taħt din il-liġi;

(iv) il-provditur tas-servizz issostanzja l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni billi indika April 2014 bħala d-data minn meta bdiet għaddejja l-preskrizzjoni;

(v) mil-banda l-oħra, skont il-formola ta' lment, sezzjoni 4 *'Complaint Details'* għall-mistoqsija *'When did you first have knowledge of the matters you are complaining about?'* l-ilmentaturi rrispondew '28/06/2019'. Dan ifisser li b'ammissjoni tal-ilmentaturi stess, peress li huma kitbu lill-provditur tas-servizz fl-1 ta' Marzu 2023, skont l-artiklu 21(1)(c) l-ilment huwa *time-barred* peress li damu aktar minn sentejn biex ilmentaw lill-provditur tas-servizz;

(vi) minkejja r-risposta f'sezzjoni 4, sabiex l-Arbitru Sostitut jaċċerta ruħhu li wettaq l-obbligi legali tiegħu li jkun 'ġust, ekwu u raġjonevoli' skont l-artiklu 19(3)(b) tal-Kap.555, ma waqafx hemm iżda ndaga aktar fil-fond biex jistabilixxi minn fejn ġiet id-data mogħtija mill-ilmentaturi u ċioe' it-28 ta' Ġunju 2019, kif ukoll jekk l-istqarrija tal-ilmentaturi hix korretta jew le; l-istess pero' jgħodd għall-istqarrija tal-provditur tas-servizz li indika April 2014 bħala ż-żmien minn meta l-preskrizzjoni bdiet tiskatta. Dan l-Arbitru jista' jagħmlu preċiżament għaliex mhuwiex qorti u l-proċeduri quddiemu m'humiex *adversarial* bħal dawk quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, iżda huma *inquisitorial* u joffru ċertu flessibilta' fl-impenn tiegħu;

(vii) Rigward id-data tat-28 ta' Ġunju 2019 li l-ilmentaturi niżżlu bħala d-data li l-ewwel darba saru jafu bil-materji li dwarhom ilmentaw, din hija fil-fatt id-data tal-ittra li fiha l-provditur tas-servizz informa lis-Sur AB, u ittra oħra bħalha lis-Sinjura CB[7] illi b'referenza għall-8.875% Rickmers 2018, l-*Insolvency Administrator* approva fuq bażi preliminari, distribuzzjoni ta' 0.0082% tal-ammont investit f'*bonds* u b'hekk minn €4,489 is-Sur AB u s-Sinjura CB rispettivament rċevew €36.7014[8]. Dakinhar is-Sur AB u s-Sinjura CB irċevew <u>inqas minn wieħed fil-mija</u> tal-ammont investit; huwa minnu li l-provditur tas-servizz antiċipa aktar pagamenti, imma <u>rejalistikament</u> meta wieħed jitħallas inqas minn wieħed fi-mija tal-ammont li nvesta, l-investitur għandu lok għalfejn jinkwieta dwar x'sar mil-99.9918% l-oħra u dwar kemm hu possibbli li fil-pagamenti futuri jirċievi dan l-ammont! Fl-opinjoni tal-Arbitru Sostitut din il-komunika hija raġuni soda fuqhiex ifittxu d-drittijiet tagħhom taħt il-Kap. 555;

(vii) rigward l-Edcon, huwa fatt ben stabbilit li d-dokument 4B jikkonferma li l-*bonds* kellhom jimmaturaw fil-31.12.2022. Pero' huwa minnu wkoll li l-istess dokument speċifikament jinkludi l-kelma *'restructuring'* u jindika rata ta' imgħaxx ta' 3% fejn oriġinarjament l-Edcon *bonds* kienu bid-9.5%; dan apparti t-telfa awtomatika ta' kważi 40% tal-kapital investit b'riżultat dirett tar-ristrutturar (skont id-Dok. 4A <u>bla data</u> li permezz tagħha l-ilmentaturi ġew infurmati li r-ristrutturar kien jinvolvi *ratio* ta' 0.606141 għal kull *unit* li kellhom qabel);

(viii) id-Dok 4C huwa partikolarment interessanti u informattiv. Bħal ma osservaw l-ilmentaturi, hemm miktub ċar li l-Edcon *bonds* kellhom jimmaturaw f'Diċembru 2022. Iżda l-4C huwa ferm aktar

---

[7] Li sa dak iż-żmien kellha l-investimenti ta' ommha (Ms BB) f'isimha.
[8] Biex inkunu ċari, rċevew sitta u tletin Euro, u sebgħin ċenteżmu.

informattiv minn hekk, għaliex apparti t-taħżiż bil-linka ta' Ms Stanmore hi u tispjega lis-Sinjuri XB fil-laqgħa li kellha magħhom, l-istess dokument inkluda wkoll il-fatt li l-Edcon *bonds* fil-15 ta' Mejju 2018 kellhom valur fis-suq (*'Market Value'*) ta' €134.69 jew 4.95% tal-valur *on paper* ta' €2,721, liema valur *on paper* kien ftit aktar minn 60% tal-investiment oriġinali peress li tilfu kważi 40% b'riżultat dirett tar-ristrutturar. B'mod simili skont l-istess dokument ir-Rickmers kellu valur fis-suq ta' €105.67 jew 2.354% tal-valur *on paper* ċioe' ta' kemm kienu nvestew oriġinarjament. In-nuqqas ta' marki bil-linka fl-aħħar żewġ kolonni ta' dan id-dokument, kif ukoll il-kitba bil-linka, jindika li possibilment l-informazzjoni fl-aħħar żewġ kolonni ma kienitx parti mil-konverżazzjoni għaliex l-enfasi kienet li kellhom €4,488.78 wara r-ristrutturar jiġifieri kważi 60% tal-investiment oriġinali li bit-3% fis-sena jfisser li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ġabru lura kważi 75% tal-ammont investit fl-Edcon. Jidher li dan wassal biex l-ilmentaturi ddeċidew li jżommu l-investiment sal-aħħar, probabbilment fuq il-parir ta' l-istess Michelle Stanmore, iżda rejalistikament bil-valur fis-suq dakinhar ta' 2.354% tal-*value on paper* tal-*bonds* ma kellhomx triq oħra għaliex billi jillikwidaw il-*bonds* ma kienu se jirkupraw prattikament xejn. M'hemmx dubju f'moħħ l-Arbitru Sostitut li l-ilmentaturi dan kienu jafuh jew almenu li saru jafuh dakinhar tal-laqgħa mas-Sinjura Michelle Stanmore; kienu jafu u aċċettaw li diġa tilfu 40% tal-investimenti tagħhom fl-Edcon b'riżultat tar-ristrutturar, kienu jafu wkoll li r-rata ta' 9.5% imgħax niżel għal 3% u kienu jafu wkoll li ma setgħux jillikwidaw l-investiment tagħhom fl-Edcon għaliex ma kien jiswa xejn u abbażi t'hekk iddeċidew li jistennew sal-31 ta' Diċembru 2022 biex forsi s-sitwazzjoni titjieb u jieħdu xi ħaġa mir-rimanenti 60% tal-investimenti tagħhom fl-Edcon. Fi kliem ieħor l-ilmentaturi kienu jafu bil-problemi iżda għażlu li jistennew sal-31 ta' Diċembru 2022 bit-tagħma li jirkupraw kemm jistgħu mill-investiment tagħhom. Mhemmx dubju f'moħħ l-Arbitru Sostitut li l-ispjega ta' Ms Stanmore influwenzat l-għażla tagħhom, **iżda ma ġiex stabbilit li Ms Stanmore (jew xi ħadd ieħor mil-kumpanija Crystal) wiegħdithom jew assigurathom li jekk iżommu l-investiment fl-Edcon sal-aħħar kienu ser jirkupraw l-investiment tagħhom**; li kieku kien hekk wieħed kien jifhem għalfejn ma lmentawx mal-Arbitru Finanzjarju u għalfejn baqgħu siekta sa wara Diċembru 2022. Mingħajr prova ta' din il-wiegħda wieħed jikkonkludi biss li għażlu triq flok oħra, jiġifieri għażlu li jistennew sa Diċembru 2022 qabel ma lmentaw mal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, u dan meta setgħu faċilment ilmentaw dwar it-telfa tagħhom wara l-*meeting* li kellhom mas-Sinjura Stanmore jew almenu ħadu parir indipendenti rigward is-sitwazzjoni u dwar id-drittijiet legali tagħhom; fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jistennew sa Diċembru 2022 fejn jikkonċerna l-Edcon kienet għażla tagħhom, apparti l-fatt li ma ngiebet l-ebda ġustifikazzjoni rigward ir-Rickmers u x'kienu qiegħdin jistennew biex jilmentaw taħt il-Kap.555 meta dawn immaturaw fit-2018 u kull ma ħadu lura inqas minn 1% ta' l-ammont li nvestew. L-Arbitru Sostitut jikkonkludi li l-ilmentaturi għażlu triq flok oħra u din l-għażla ma tbiddel bl-ebda mod il-fatt li minn dak iż-żmien tal-laqgħa ma Ms Stanmore (jekk mhux qabel) kellhom konoxxenza tat-telf li kienu ġarrbu kemm fejn jikkonċerna l-Edcon kif ukoll fejn jikkonċerna r-Rickmers u allura m'hemmx dubju li rreġistraw l-ilment tagħhom ferm aktar tard mis- sentejn li kellhom fhiex jilmentaw skont il-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ix) ġie nnutat ukoll li l-ilmentaturi lmentaw dwar it-3% Edcon u mhux dwar l-Edcon *bonds* oriġinali bid-9.5%. L-Arbitru Sostitut jinterpreta din il-mossa bħala sforz biex jallaċċjaw il-kwistjoni taż-żmien taħt l-artiklu 21(1) (c) tal-Kap.555 mad-data tal-maturita' jiġifieri mal-31 ta' Diċembru 2022. Fl-istess ħin pero' jilmentaw li f' April 2014 nvestew fl-Edcon u fir-Rickmers fuq il-parir tas-Sinjura Stanmore, u jagħmlu referenza wkoll għall-ittra tas-17 ta' Ġunju 2016 li skonthom ma setgħetx twassal għal preskrizzjoni meta l-Arbitru f'każ simili referenza ASF 16/2021 ikkritikaha bħala ambigwa. Dan kollu jindika li avolja huma formalment ilmentaw dwar l-Edcon bonds bit-3%, wieħed ma jistax formalment jaċċetta telf ta' 40% tal-investiment li fuq kollox kien parti minn investiment akbar[9] u jgħid li qiegħed

[9] Għaliex huma nvestew fi prodott li kien jikkonsisti minn erba' *bonds* differenti, tnejn minnhom marru tajjeb u tnejn minnhom le.

jilmenta biss dwar it-tieni telfa jiġifieri fil-*bonds* bit-3% fil-waqt li fl-affidavit jibda l-istorja mil-2014! L-Arbitru Sostitut wara li ħaseb fit-tul dwar il-kwistjoni kkonkluda li fir-rejalta' l-ilment tagħhom kien jikkonċerna l-investiment oriġinali tagħhom fl-Edcon u mhux l-investiment tagħhom wara r-*restructuring*. Dan fil-fatt tant hu minnu li anke fl-aħħar parti tal-istqarrija tat-30 ta' Ġunju 2023[10] iddikjaraw li AB u CB kull wieħed tilef €8,721 liema ammont ikopri kemm il-*bonds* fir-Rickmers kif ukoll il-*bonds* fl-Edcon l-oriġinali bid-9.5% mhux dawk bit-3%;

(x) wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu li l-ilmentaturi baqgħu jirċievu *statements* kull sitt xhur. Bħal ma fhemu mill-i*statement* Dok 4C li l-investimenti marru ħażin, l-i*statements* ta' kull sitt xhur servew ta' *reminder* ta' dan kif ukoll evidenza li s-sitwazzjoni baqgħet ma ttejbitx. Minkejja dan l-ilmentaturi ma ħadux azzjoni taħt il-Kap. 555, bħal ma baqgħu ma ħadux azzjoni meta rċevew inqas minn 1% tal-flus li nvestew fir-Rickmers (korrispondenza tat-28 ta' Ġunju 2019).

14. Minn dan kollu l-Arbitru Sostitut jikkonkludi illi l-ilmentaturi kienu ben konoxxenti dwar is-sitwazzjoni ħażina li fiha nstabu l-investimenti tagħhom fir-Rickmers u fl-Edcon. L-Arbitru Sostitut ma jaqbilx mal-provditur tas-servizz li t-terminu li jwassal għal-preskrizzjoni tibda tgħodd minn April 2014, għaliex il-perjodu li jwassal għall-preskrizzjoni jibda jingħadd mhux minn meta jsir l-investiment iżda minn meta jinqalgħu l-problemi u dawn il-problemi jiġu a konoxxenza tal-ilmentaturi. Din il-konsiderazzjoni pero' ma twassalx lill-Arbitru Sostitut għall-konklużjoni li għandu jiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-provditur tas-servizz: il-fatti juru biċ-ċar li l-ilmentaturi damu aktar minn sentejn biex fittxew id-drittijiet tagħhom taħt il-Kap. 555. Min meta eżatti, l-Arbitru Sostitut lanqas għandu għalfejn jipprova jistabilixxi, għaliex għandu d-data li tawhielu l-ilmentaturi stess fil-*complaint form* u li qiegħda tiġi riprodotta hawn taħt:

**Section 4 - Complaint Details**

| | |
|---|---|
| **When did you first have knowledge of the matters you are complaining about?** | 28/06/2019 |

15. Anke jekk wieħed kellu jinjora l-konsiderazzjonijiet kollha tal-każ, b'ammissjoni tal-ilmentaturi stess l-ilment huwa preskritt skont l-artiklu 21(1)(c) tal-Kap.555 Liġijiet ta' Malta, għaliex ma rreġistrawx l-ilment tagħhom mal-fornitur tas-servizzi finanzjarji fi żmien sentejn mid-data li fiha l-ilmentaturi stess nfurmaw lill-Uffiċċju tal-Arbitru għal Servizzi Finanzjarji li saru jafu bil-materji li dwarhom ilmentaw.

16. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru Sostitut jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-provditur tas-servizz u jiddikjara li mhux se jieħu aktar konjizzjoni ta' dan l-ilment.

10 Paġna 14 tal-*complaint form.*

Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

Dr Ivan Mifsud

Arbitru Sostitut

6 ta' Frar 2024